MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-10 ta' April, 2013

Avviz Numru. 359/2012

**M. Demajo (Wines & Spirits) Ltd (C 2521)**
**vs**
**Suda Entertainments Ltd (C 43427)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' rikorrenti pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-24 ta' Ottubru 2012 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-kumpanija attrici is-somma ta' ghaxart elef, tlett mija u erbghin ewro u tlieta u ghoxrin centezmi (€10,340.23) rapprezentanti prezz ta' merkanzija ossia xorb mibjugha u konsenjata lilha kif jidher mill-prospett hawn anness u mmarkat Dok 'A'. Bl-ispejjez inkluz dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju ipprezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors u bl-imghax legali kontra l-istess socjeta' konvenuta mid-data ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv, minn issa ingunta sabiex tidher in subizzjoni.

Rat in-nota tas-socjeta’ attrici li giet prezentata fit-13 ta’ Frar 2013 li permezz taghha qieghda tirriduci t-talba taghha ghas-somma ta’ disat elef, tliet mija u erbghin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€9,340.23) oltre l-imghax u l-ispejjez u dan stante pagament fil-mori tal-kawza.

Rat in-nota tas-socjeta’ attrici li giet prezentata fl-4 ta’ April 2013 li permezz taghha qieghda terga’ tirriduci t-talba ghall-ammont ta’ tmint elef, tliet mija u erbghin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€8,340.23) oltre l-imghax u l-ispejjez.

Rat dak li gie verbalizzat mill-partijiet seduta stante fl-4 ta’ April 2013 fejn il-partijiet qablu illi l-bilanc dovut illum lis-socjeta’ attrici huwa fl-ammont ta’ tmint elef, tliet mija u erbghin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€8,340.23).

Rat ukoll illi l-partijiet qablu li s-socjeta’ konvenuta ghandha thallas dan l-ammont f’rati mensili u konsekuttivi ta’ hames mitt ewro (€500) u dan bla pregudizzju ghall-imghax li talvolta ser ikun dovut mid-data tas-sentenza.

Rat ukoll illi l-partijiet qablu illi l-ispejjez tal-kawza jigu subiti mis-socjeta’ konvenuta.

**Ghaldaqstant, in vista tal-ammissjoni tas-socjeta’ konvenuta l-Qorti tara illi s-socjeta’ konvenuta ghandha thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ridotta ta’ tmint elef, tliet mija u erbghin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€8,340.23) f’rati mensili u konsekuttivi ta’ hames mitt ewro (€500). L-ewwel pagament ta’ hames mitt ewro (€500), ghandu jithallas sa mhux aktar tard mill-10 ta’ Mejju 2013.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ta’ din il-kawza, inkluz l-ispejjez tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment mar-rikors promotur jithallsu mis-socjeta’ konvenuta u l-imghax permess mill-ligi ghandu jibda jiddekorri mid-data tal-lum fuq is-somma li s-socjeta’ konvenuta giet ikkundannata thallas.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------